# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1959


## IL-PERSONALITA'

*IL-PERSONALITA' hi ħaġa magħġuna ma' ⁻iħet il-bnedmin u tagħżilhom wieħed mill-ieħor; ma għandhiex sura materjali, iżda xejritha tinħass u teħrek f'dak kollu li jitwettaq min-nies. Haġa tal-għaġeb x'setgħa għandha l-personalità ta' bniedem, li tqanqlu u tgħollih fost sħabu, tqiegħdu bħala mexxej fosthom, tħoll ilsienu, tiftaħlu moħħu u tagħnih b'kelma li ssarraf ħafna, li tolqot sewwa jew li ssikket kull tlablib.*

*Mhux kulħadd jitwieled bid-don tal-personalità. Hawn min jiret dan id-don mit-twelid u hawn min jiksbu bit-tħabrik, bil-għaqal jew bit-tiġrib tal-ħajja. Hawn oħrajn li jgħaddu għomorhom neqsin mill-personalità; nies bħal dawn dejjem jimxu mal-ġliba, dejjem jagħmlu dak li jwebbilhom ħaddieħor, dejjem jifhmu kif ifissrilhom dak ta' fuqhom. Dawn huma nies ta' min jagħdirhom jekk mhux ta' min jistmerrihom, għax huma qatt ma jieħdu sehem fit-tiġdid jew it-tixtil tal-ħajja. Għalihom din id-dinja qisha maħżen fejn jitgezzu sakemm tiġi l-mewt toħodhom.*

*Min-naħa l-oħra hemm nies li l-personalità tleħħ minnhom bħalma xrar itir minn fil elettriku. Dawn huma l-mexxejja fost il-kotra; jistgħu jkunu nies bla ġmiel, bla għana, bla tagħlim, imma ġewwa fihom ikun hemm qawwa jew setgħa li taħkem jew tisboq lill-oħrajn; kelmthom tmiss ruħ min jismagħhom u tixgħellu dehnu. Nies bħal dawn jogħlew fost il-kotra bħalma ċ-ċipress jogħla 'l fuq mill-ħurtan. Nies bħal dawn jieħdu bil-ħeffa l-post ewlieni u jaqbdu f'idejhom ir-riedni tat-treġija. Minn din il-għamla ta' nies jissawru d-dittaturi li jaħtfu l-ħakma tal-pajjiż u jmexxu kollox huma. Dawn huma n-nies li jagħtu sura oħra lill-pajjiż, li jqanqlu mewġa ġdida fil-ħajja ta' kuljum, li jistgħu jagħmlu ġid bla tarf jew jisfgħu ta' deni bla qies lill-għajrhom.*

*Hemm oħrajn li jnisslu l-personalità tagħhom bil-għaqal u bil-ħsieb matul it-tiġrib tal-ħajja, u għalkemm fi ċkunithom ma kellhom xejn x'jaqlagħhom minn sħabhom, wara li kibru, għolew u ntgħażlu u kelmthom saret issarraf ħafna fost il-kotra. Bħal ħafna doni oħra, il-personalità, jekk wieħed ma jitwelidx biha, jista' jħassilha jekk ikollu rieda qawwija u sabar biżżejjed.*

*X'tiswa l-personalità fil-ħajja tal-bniedem? Hija għandha setgħa kbira u ħeġġa tal-għaġeb biex tgħaqqad il-bnedmin f'rabta ta' ħbiberija, ta' mgħodrija u ta' sliem. Il-personalità tiswa biex tiftaħ il-għajnejn u tħeġġeġ il-qlub, tista' tqajjem xewqat ġodda jew tagħti bidu għal drawwiet u xejriet mhux ta' dari. Imma bħalma hi mezz ta' ġid, il-personalità tista' tisfa ta' deni u ħsara jekk min hu mogħni biha ma jinqediex biha għas-sewwa u l-ħaqq. L-istorja tad-dinja hija mimlija bi traġedji kbar li jekk wieħed joqgħod jistħarriġhom sewwa jsib li kellhom il-bidu tagħhom f'xi personalità bla qies li kellu xi bniedem bla raj u bla qalb. Min jista' jgħid kemm kien hawn flien li mhux bis-saħħa ta' dehenhom jew ta' ħilthom, iżda bis-seħer ta' kelmthom u ta' mġibithom ħatfu setgħa kbira u għamew 'il kotra għal warajhom. Setgħat bħal dawn, jekk ma jkunux imnebbħin mis-sewwa u l-ħaqq, jistgħu jqanqlu għawġ, tixwix u twegħir kbar u jġibu ħsara bla tarf. Min-naħa l-oħra, jekk dawn is-setgħat iwettqu l-ġid u s-sliem fost il-bnedmin, huma jisfgħu ta' fejda u ta' barka u jnisslu sura ta' hena u ta' ferħ fil-ħajja ta' kuljum.*

*Hawn min jaħseb li l-personalità iġġib magħha qawwa u kburija biss, iżda mhux kull min hu mogħni bil-personalità jiġbed in-nies għal warajh bil-qawwa ta' kelmtu jew bis-seħer ta' bixritu. Hawn min il-personalità tiegħu fiha għamla ta' ħlewwa u ta' qdusija li jqanqlu ġibda fil-qalb ta' min jismagħhom jew jarahom. Nies bħal dawn ma jfittxux il-kobor tad-dinja jew it-tlellix tal-ħajja, imma ma jonqsux li jsaħħru l-kotra u jiġbduha lejn is-sewwa u lejn is-sliema. Huma għandhom il-ħila jixegħlu fil-qlub xrar ta' mħabba, ta' mogħdrija u ta' ħniena li mingħajrhom il-ħajja ma tistax tkun hienja u fejjieda. San Franġisk t'Assisi kien bniedem fqajjar u ġwejjed, iżda l-personalità tiegħu nisslet xejra ġdida fil-ħajja ta' żmienu, xegħlet il-qlub għal għamil tajjeb u ġibdet ħlejjaq għal warajh; is-setgħa tiegħu għadha tinħass sal-lum.*

*Din il-personalità lieżma u rżina għandha saħħa aktar mill-oħra, li tixgħel u li tidwi b'ħoss kbir, u tħeġġeġ u tqajjem mewġiet li jgħaddu wara li jqajmu taqlib kbir. Il-personalità sekta tolqot aktar fl-irqiq tal-qalb, tħeġġeġ ir-ruħ, tfiehem il-moħħ. Hadd ma jista' jgħid fid-dinja kemm hawn nies li qegħdin jagħmlu ġid bil-personalità mostura tagħhom, x'uħud minnhom bla ma jafu. Dawn huma n-nies li bil-kelma t-tajba, bil-għamil xieraq, bl-imġieba għaqlija, qegħdin iżommu sħiħa u qawwija s-sisien ta' l-umanità.*

*Meta bniedem ikun mogħni b'xi setgħa minn Alla l-Imbierek, jeħtieġlu jinqeda biha għall-ġid ta' għajru u għal ġieħ ta' Min ħalqu, għalhekk jonqsu minn dmirhom dawk li għandhom il-personalità u ma jseddquhiex. Jekk huma jibqgħu bierda u bla ħajr id-don sabiħ li bih Alla żejjinhom jibqa' ħawli u bla siwi, qisu siġra tal-qamħ u bla sbul. Meta bniedem sewwa u bil-għaqal jeħtieġlu jorqom u jkattar il-personalità tiegħu, jeħtieġlu wkoll iħawtel u jħabrek biex jinqeda b'dik il-personalità għall-ġid ta' għajru u b'riżq art twelidu. Alla u l-patrja jridu li jsir hekk.*